MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2008

Talba Numru. 184/2008

**Mobisle Communications Limited (C - 24655)**

**-vs-**

**L-Orafo Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjetà attrici talbet il-hlas tas-somma ta' tlett mija u erbgha u ghoxrin Euro u sebgha u hamsin centezmi (€324.57) – (Lm139.34c) liema somma tirrapprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-istess socjetà konvenuta lis-socjetà attrici skond *Client Contract Number 7586* in rigward ghal servizzi lilha rezi mis-socjetà attrici u dana fix-xhur ta' bejn Marzu 2007 u Settembru 2007. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-11 ta' Jannar, 2008, dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma dana l-att, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjetà konvenuta illi hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjetà konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjetà attrici u l-fatt li s-socjetà konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjetà attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjetà konvenuta thallas is-somma ta' tlett mija u erbgha u ghoxrin Euro u sebgha u hamsin centezmi (€324.57) – (Lm139.34c), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tas-socjetà konvenuta.

**Av. Peter Borg Costanzi**
**Gudikant**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------